Minuti tas-17 il-laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li ssejhet b'urgenza u saret nhar it-Tnejn 6 ta' Settembru, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 2.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Tragedja fil-kamra tan-nar ta' Ninu fl-Gharb u l-applikazzjoni ghall-kamra tan-nar gdida PA5058/09.**

1.1 Din il-laqgha issejjhet b'urgenza wara t-tragedja fil-kamra tan-nar ta' Ninu fl-Gharb u biex il-Kunsill jistabbilixxi il-*way forward* dwar ir-realta' li l-Gharb huwa zona ta' kmamar tan-nar u dwar applikazzjonijiet godda quddiem il-MEPA.

1.2 Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill ghandu johrog stqarrija ghall-istampa biex jaghti l-kondoljanzi lill-familji tal-vittmi f'din it-tragedja u jispjega il-pozizzjoni tieghu. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3 Is-Sindku spjega illi huwa gie avvicinat minn ghadd ta' persuni li kellhom hsarat fid-djar taghhom u gie spjegat li dawn gew infurmati li ghandhom jaghmlu rapport lill-pulizija u/jew javvicinaw lill-insurance min ghandu. Huwa spjega li gie kkuntattjat ukoll minn familjari ta' zaghzagh mill-Gharb li qeghdin fil-grupp li jahdmu in-nar u li huma preokkupati bil-futur ta' uliedhom. Is-Sindku spjega illi kien hemm min staqsa kif il-Kunsill ma innotifikax lir-residenti dwar l-applikazzjoni ghall-kamra tan-nar gdida.

1.4 Is-Sindku spjega illi in vista tal-fatt illi 4 minn 5 membri tal-Kunsill ghandhom kunflitt ta' interess f' applikazzjoni gdida li hemm pendenti quddiem il-MEPA, gie ikkonsultat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill inghata il-parir li ma jistax jivvota la iva u lanqas le versu din l-applikazzjoni izda jista' jqajjem punti fl-interess tac-cittadini tal-lokal.

1.5 Manuel Muscat qal illi huwa personalment ihoss li din mhijiex xi haga li jista' jiddecidiha hu peress li tolqot lir-rahal kollu. Lisa Brooke qalet illi l-Kunsill ghandu

jikkonsulta lill-pubbliku. Is-Sindku spjega illi biex jikkonsulta lill-pubbliku il-Kunsill ghandu jzomm referendum. Is-Sindku iddikjara li fl-opinjoni personali tieghu huwa kontra aktar kmamar tan-nar fl-Gharb.

1.6 Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li ghandu jsir referendum u saret diskussjoni dwar il-mistoqsija li ghandhom iwiegbu in-nies fir-referendum. Il-Kunsill qabel li l-mistoqsija ghandha tkun: "Taqbel mal-bini ta' kmamar tan-nar godda fl-Gharb?" Iva Le

1.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu il-parir tal-Dipartiment Gvern Lokali dwar il-procedura biex isir referendum.

1.8 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir ittra lill-MEPA biex din tigi infurmata illi il-Kunsill ma setax jiddeciedi dwar l-applikazzjoni PA5058/09 minhabba kunflitt ta' interess u li r-residenti tal-Gharb ser ikunu konsultati permezz ta' referendum.

1.9 Il-Kunsill qabel ukoll li fl-interess tas-sigurta' tar-residenti ghandu jikteb lid-Dipartiment tal-Isplussivi u jitlob li jkun hemm spezzjonijiet b'mod regolari.

Il-laqgha spiccat hin 4.50pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv